

## Proposta għal

### REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../...

ta' [...]

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup> ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol<sup>3</sup>, fl-Artikolu 7(6), jirrikjedi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") li twettaq evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I (Parti M) ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Aġenzija stabbiliet, wara valutazzjonijiet ta' l-impatt adegwati, li d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I (Parti M) huma stretti wisq għall-inġenji ta' l-ajru li m'humiex involuti fit-trasport bl-ajru kummerċjali u, b'mod partikolari, l-inġenji ta' l-ajru li m'humiex ikklassifikati bħala "inġenji ta' l-ajru kumplessi m'haddma b'magna";
- (3) L-Aġenzija ħasset li għandha tagħmel emendi sinifikanti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, u b'mod partikolari l-Anness I (Parti M), biex tadattah għall-kumplessità tal-kategoriji differenti ta' l-inġenji ta' l-ajru u t-tipi ta' l-operazzjonijiet;
- (4) L-Aġenzija ħasset li għandha tintroduċi miżuri tranżitorji adatti għal dawk id-dispożizzjonijiet li ma jistgħux b'mod raġonevoli jkunu implimentati qabel tmien il-perjodu ta' deroga attwali (it-28 ta' Settembru 2008) stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, Artikolu 7(3)(a), għall-inġenji ta' l-ajru li m'humiex involuti fit-trasport bl-ajru kummerċjali;
- (5) Huwa meħtieġ biex jagħti appoġġ lill-adozzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri amministrattivi ġodda fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003,

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.03.2008, p.1

<sup>2</sup> ĠU L 243, 27.9.2003, p.6. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 287/2008 (ĠU L 87, 29.03.2008, p. 3)

<sup>3</sup> ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18)

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija<sup>4</sup> skond l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament Bażiku;
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni<sup>5</sup> tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilita bl-Artikolu 65(3) tar-Regolament Bażiku;
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 għandu għaldaqstant ikun emendat kif jixraq;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi II (Formola 15a) ta' l-Anness (Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 huwa b'hekk emendat kif ġej:

- 1) Ir-referenza għar-"Regolament (KE) Nru 1592/2002" tinbidel bil-kliem "Regolament (KE) Nru 216/2008".
- 2) Is-sentenza "jitqies li huwa ajrunavigabbli fid-data tal-ħruġ" tinbidel bil-kliem "jitqies li huwa ajrunavigabbli fid-data tar-reviżjoni".
- 3) Fl-aħħar tal-Formola 15a, jiżdiedu żewġ blokki għall-ewwel u t-tieni estensjonijiet bil-kontenut li ġej:

L-ewwel estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: ..... Data ta' l-iskadenza: .....  
 Iffirmata: ..... Numru ta' l-awtorizzazzjoni: .....  
 Isem il-kumpanija: ..... Referenza ta' l-approvazzjoni: .....

It-tieni estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: ..... Data ta' l-iskadenza: .....  
 Iffirmata: ..... Numru ta' l-awtorizzazzjoni: .....  
 Isem il-kumpanija: ..... Referenza ta' l-approvazzjoni: .....

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

*Magħmul fi Brussell,*

*Għall-Kummissjoni*

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>4</sup> Opinjoni 02/2008

<sup>5</sup> (Għad irid jinħareġ)